Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,217, 21 ta' Ġunju, 2019
Taqsima B

A.L. 130 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Aviation Maintenance taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Aviation Maintenance u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Aviation Maintenance, taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali, ippubblikati bħala Avviż Legali 320 tal-2017, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, għandhom:

(a) ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad C jew aħjar fil-Fiżika, u għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola f'suġġett wieħed ieħor; jew

(b) ikollhom l-EASA Part 66 License jew l-ekwivalenti; jew

(ċ) ikollhom diploma teknika (bħal HND/HTD) jew l-ekwivalenti."